# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tat-2 ta' Marzu 2001**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 3841/00 fl-ismijiet:**

**Avukat Vincent Falzon bhala mandatarju u in rappresentanza tas-socjeta estera "TBS Schiffahrts und Industrieservice GmBh"**

**vs**

**Alexander Sullivan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "F.E. Sullivan & Co Ltd**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Alexander Sullivan nomine;

Rat ir-risposta tal-intimat Avv. Vincent Falzon nomine;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Avukat Vincent Falzon nomine;

Rat in-nota responsiva tar-rikorrenti Alexander Sullivan nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2000;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti ppresentat citazzjoni kontra s-socjeta' estera intimata in konnessjoni ma varji pretensjonijiet minnha vantati. Is-socjeta' estera intimata ghamlet kontro-talba u fl-istess hin ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta' rikorrenti ghar-rigward tal-istess kontro-talba. Sussegwentement is-socjeta' rikorrenti ottjeniet il-hrug ta' kontro-mandat u dana billi giet depositata garanzija bankarja;

Fir-rikors odjern is-socjeta' rikorrenti ghamlet referenza ghall-imsemmija citazzjoni taghha kontra s-socjeta estera intimata, in partikolari ghat-talbiet hemm kontenuti, fosthom it-talba ghal hlas ta' danni sofferti minnha minhabba allegat agir abusiv u skorrett da parti tas-socjeta' estera intimata;

Dejjem fir-rikors odjern is-socjeta rikorrenti qed titlob li, in kawtela tat-talbiet taghha kif kontenuti fl-imsemmija citazzjonni u in kawtela tad-danni, jigi ordnat lis-socjeta estera intimata, ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li tghati dawk il-garanziji kollha necessarji u opportuni u fin-nuqqas ta' tali depositu tigi ordnata r-revoka "contrario imperio" tad-digriet rigward l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju (3841/00) tas-socjeta' estera intimata;

Hu evidenti li l-garanziji u d-depositi li qed titlob is-socjeta' rikorrenti, f'dan ir-rikors, jirreferu ghall-pretensjonijiet taghha kif dedotti fl-imsemmija citazzjoni presentata kontra s-socjeta estera intimata. F'dan ir-rigward is-socjeta' rikorrenti tghamel referenza ghall-artikolu 838A tal-Kapitolu 12. Hu car li l-provedimenti ta' dan l-artikolu jirreferu ghal danni li jistgu jkunu dovuti wara u minhabba l-hrug ta' att kawtelatorju. Hu zgur li dawn il-provedimenti ma jirreferux ghal kull dannu in generali. Semmai l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti kif dedotti minnha stess fic-citazzjoni jistghu jigu kawtelati, skond il-ligi, bil-hrug ta' mandati jew atti ohra kawtelatorji;

L-imsemmi artikolu jipprovdi li, meta tirrizulta kawza gusta, jista jigi ordnat lil minn ikun ottjena l-hrug ta' l-att kawtelatorju, sabiex jghati garanzija xierqa u dana ghall-hlas ta' penali li eventwalment tista tkun dovuta u ghal-hlas ta' danni u imghaxxijiet. Dawn il-provedimenti jirreferu ghal penali li tista tkun dovuta bhala konsegwenza ta' hrug ta' att kawtellatorju u jirreferu ukoll ghal danni li jistghu jkunu dovuti ukoll minhabba il-hrug tal-istess att kawtelatorju. F'dan ir-rigward, f'dan l-artikolu hemm referenza specifika ghal hlas ta' penali u ghal hlas ta' danni. B'dan il-mod qed issir referenza ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 836(8) u 836(9) tal-istess Kapitolu 12;

Dawn l-artikoli jipprovdu li minn ottjena l-hrug ta' att kawtelatorju jista jigi kundannat ihallas il-penali stabbilita fl-istess artikoli u jista jigi ukoll kundannat ihallas id-danni lil minn ikun issubixxa l-hrug tal-istess att kawtelatorju u dana fil-kazijiet li huma ukoll specifikati fl-istess artikoli. B'hekk jirrizulta li l-penali u d-danni imsemmija fl-artikolu 838A jirreferu ghal penali u ghad-danni imsemmija fl-artikoli 836(8) u (9). B'hekk ukoll il-garanziji indikati fl-artikolu 838A jirreferu ghal penali u danni indikati fl-istess artikoli 836(8) u (9);

In vista tal-premess l-artikolu invokat mis-socjeta rikorrenti ma jinkwadrax ruhu fit-talba tal-istess socjeta rikorrenti u konsegwentment it-talbiet kollha rikorrenti ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar it-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur billi tichad l-istess talbiet;

Spejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti.